



# Żewġ kwadri ta' Marija Assunta fil-Knisja Parrokkjali tal-Qrendi

Is-Sur Mario Fenech

Huma bosta dawk ix-xogħlijiet b'tema Marjana li hemm fil-knisja Parrokjali ta' Marija Assunta fil-Qrendi. Il-qima lejn il-Madonna b'diversi titli sbieħ f'dan ir-raħal tmur lura għal sekli sħaħ. Xhieda ta' dan huma t-tliet fratellanzi: dik tar-Rużarju, dik taċ-Ċintura u dik tal-Madonna ta' Lourdes li twaqqfu matul is-snin.

Fl-istess knisja hemm ukoll altari tal-Immakulata Kunċizzjoni u tal-Madonna tal-Karmnu flimkien ma' xogħol sabiħ ta' pittura mal-koppla u mas-saqaf tal-knisja b'numru ta' episodji mill-ħajja tal-Madonna flimkien ma' għadd ta' profeti u simboli Marjani. Dan ix-xogħol kien sar mil-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi.

Matul is-snin li ilha mwaqqfa din il-parroċċa kien hemm ukoll xi drabi fejn opri Marjani ġew mibdula m'oħrajn. Tnejn minn dawn l-opri jinsabu fis-sagristija tal-knisja u fijhom naraw it-tlugħ fis-Sema tal-Madonna bir-ruħ u bil-ġisem.

Wieħed minn dawn il-kwadri huwa xogħol mill-isbaħ tal-artist Malti Rokku Buhagiar u kien għamel xi żmien jintuża bħala il-kwadru titulari tal-knisja sakemm imbagħad kien sar dak li hemm illum mill-artist Malti Ġużeppi Calì fis-sena 1917. Dan ix-xogħol kien ħallas għalih Dun Franġisk Bugeja filwaqt li dak ta' Rokku Buhagiar kien ħallas għalieh ċertu Mikiel Camilleri.



Fil-parti ta' fuq tat-tila l-artist pinġa l-figura tal-Madonna merfugħa minn għadd ta' anġli b'idejha 'l fuq, fuq sħaba bajdanija qiegħda tagħmel il-vjaġġ tagħHa lejn is-sema. L-isfel fit-tila hemm qabar miftuħ bid-drapp abjad ħiereġ minnu fil-waqt li erba' appostli fuq in-naħa tal-lemin u seba' Appostli oħra fuq in-naħa tax-xellug tal-qabar jidhru qegħdin jistagħġbu b'din ix-xena mhux tas-soltu.



Fil-kwadru l-ieħor, ix-xena hija differenti għal-aħħar u fiha l-artist mhux magħruf pinġa biss il-figura tal-Madonna fiċ-ċentru tat-tila b'idejha ma' xulxin bilwieqfa mdawwra b'dija ta' kulur dehbi.

Erba' anġli, tnejn fuq kull naħa tal-figura tal-Madonna, jidhru qegħdin jakkumpanjawha f'dan il-vjaġġ tagħha, filwaqt li numru ta' anġli narawhom fil-parti ta' fuq tat-tila mifruxin mad-dija li hemm ħierġa minn madwar ras il-Madonna.

Mad-dawra tat-tila, l-artist pinġa sħab abjad biex permezz tiegħu jiġbor din ix-xena f'ċentru ta' qdusija fejn dik li serviet ta' Omm Alla fuq din l-art tkun ippreżentata bl-aktar mod uniku.

Dan il-kwadru jfakkarna f'ieħor simili tiegħu li hemm fis-Sagristija tal-knisja arċipretali ta' San Ġużepp tal-Qala, Għawdex u li huwa qadim ferm bħal dan il-kwadru.

Żewġ xogħlijiet antiki li jagħtuna x'nifhmu li minn dejjem fil-gżejjer Maltin kien hawn devozzjoni kbira lejn Marija Assunta.
Il-Festa t-Tajba lil Kulħadd.